

32001R2528

L 341/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

22.12.2001

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2528/2001****tas-17 ta' Diċembru 2001**

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja msemija fil-Ftehim dwar il-koperazzjoni fis-settur ta' sajd fil-baħar bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Mawritanja għall-perjodu bejn l-1 ta' Awissu 2001 u l-31 ta' Lulju 2006**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 flimkien ma' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Skond il-Ftehim dwar il-koperazzjoni fis-settur ta' sajd fil-baħar bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Mawritanja <sup>(2)</sup>, iż-żewġ Partijiet żammew negozjati biex jiddeterminaw kull amenda jew addizzjoni li għandha issir għall-Ftehim.
- (2) Bħala riżultat ta' dawn in-negozjati, Protokoll ġdid kien mibdi fil-31 ta' Lulju 2001 biex jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja msemija fil-Ftehim t'hawn fuq għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2001 sal-31 ta' Lulju 2006.
- (3) Hu fl-interess tal-Komunità li tapprova dan il-Protokoll.
- (4) Il-metodu għall-allokazzjoni ta' l-opportunitajiet ta' sajd fost l-Istati Membri għandu jkun imfisser,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja msemija fil-Ftehim ta' koperazzjoni fis-settur ta' sajd fil-baħar bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Mawritanja għall-perjodu bejn l-1 ta' Awissu 2001 u l-31 ta' Lulju 2006 hu hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll hu mehmuż ma' dan ir-Regolament <sup>(3)</sup>.

*Artikolu 2*

L-opportunitajiet ta' sajd stabbiliti fil-Protokoll għandhom ikunu allokatu fost l-Istati Membri kif ġej:

Kategorija ta' sajd	Stati Membri	Tunnellaġġ totali reġistrat (GRT)	Numru ta' bastimenti li jistgħu jintużaw
Krustaċji ħlief awwisti	Spanja	4 364	
	L-Italja	1 091	
	Il-Portugall	545	

<sup>(1)</sup> Opinjoni mogħtija fit-13 ta' Diċembru 2001 (għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> ĠU L 334, it-23.12.96, p. 20.

<sup>(3)</sup> Ara paġna 125 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Kategorija ta' sajd	Stati Membri	Tunnellaġġ totali reġistrat (GRT)	Numru ta' bastimenti li jistgħu jintużaw
Marlozz iswed	Spanja	8 500	
Speċi li jgħixu qrib qiegħ il-baħar għajr marlozz iswed	Spanja	1 300	
Tagħmir għajr gangmu	il-Portugall	2 000	
Speċi li jgħixu qrib qiegħ il-baħar – gangmu	Spanja	4 000	
Ċefalopodi	Spanja		50
	l-Italja		5
Awwisti	il-Portugall	200	
Sajjieda bit-tartarun għat-tonn	Spanja		18
	Franza		18
Bastimenti tat-tuna bil-qluġ u bil-ħbula Lixki tat-troll	Spanja		20
	Portugall		3
	Franza		8
Speċi pelaġiċi			15

Jekk l-applikazzjonijiet għal-liċenzi minn dawn l-Istati Membri ma jkoprux l-opportunitajiet ta' sajd kollha ffixxati mill-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra applikazzjonijiet għal-liċenzi minn kull Stat Membru ieħor.

#### Artikolu 3

L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu skond il-Protokoll għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni tal-kwantitajiet ta' kull ammont meħuda fiż-żona ta' sajd tal-Mawritanja skond l-arranġamenti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 500/2001 ta' l-14 ta' Marzu 2001 li jniżżel r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2847/93 dwar l-osservazzjoni tal-qbid meħuda mill-bastiment ta' sajd tal-Komunità fibhra ta' pajjiż terz u fibhra mbiegħda mill-art, fejn l-ebda pajjiż ma jista' jimponi l-liġijiet tiegħu <sup>(1)</sup>.

#### Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat biex jinnomina l-persuni li għandhom il-poter li jiffirmaw il-Protokoll sabiex jorbot lill-Komunità.

#### Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

A. NEYTS-UYTTEBROECK

<sup>(1)</sup> ĠU L 73, il-15.3.2001, p. 8.